MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru. 302/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETETUR CARLOS CORDINA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**KONTRA**

**COSMIN BOGDAN TOFAN ta' 20 sena, iben Romeo u Karmen nee' Saimu, imwieled nhar is-6 ta' Novembru, 1991, Burlad Rumanija, residenti fil-fond 46, Flat 4, Triq il-Hawt, Swieqi, detentur tal-karta tal-passaport numru CNP1911106375457;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi **Cosmin Bogdan Tofan** li gie akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Marzu, 2012, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

1. Talli f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, Art 334 Kap 9;

2. U aktar talli bejn l-10 ta' Marzu, 2012 u d-19 ta' Marzu, 2012, ghall-habta ta' 00.00hrs, minn go Escape Bar gewwa Paceville, fil-lejl tal-11 ta' Marzu, 2012, u t-12 ta' Marzu, 2012, ikkommetta serq ta' diversi telephones cellulari, erba' ta' ghamla mhux maghrufa u ammont mhux maghruf;

3. U aktar talli fit-18 ta' Marzu, 2012, ghall-habta ta' 21.00hrs, minn Escape Bar, gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' camera digitali ta' l-ghamla Sony u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' Amaia Toquero Martinez;

4. U aktar talli fix-xahar ta' Marzu, 2012, hin mhux maghruf, minn gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari ta' l-ghamla iPhone u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

5. U aktar talli fil-lejl tas-17 ta' Novembru, 2012, ghall-habta ta' 22.00hrs, minn Nordic Bar gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari ta' l-ghamla HTC u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' Marina Briffa 35992M;

6. U aktar talli fil-lejl tad-19 ta' Marzu, 2012, ghall-habta ta' 00.00hrs, minn Foot Loose Bar gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari ta' l-ghamla HTC u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

7. U aktar talli fil-lejl tas-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 23.00hrs, minn Nordic Bar gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari ta' l-ghamla Nokia

X7 u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' Stefanie Micallef 18486G;

8. U aktar talli fil-lejl tas-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 01.00hrs, minn Ryan's Bar gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari ta' l-ghamla iPhone u ammont €550 ghad-detriment ta' Maria Dimech 218588M;

9. U aktar talli fil-lejl tal-15 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 22.00hrs, minn Escape Bar gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari tal-ghamla iPhone u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

10. U aktar talli fil-lejl tas-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 21.00hrs, minn Ryan's Bar gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' telephone cellulari tal-ghamla iPhone u ammont €700 ghad-detriment ta' Amanda Vella 296086M;

11. U aktar talli fix-xahar ta' Marzu 2012, ghall-habta ta' 22.00hrs, minn post mhux maghruf gewwa Paceville, ikkommetta serq ta' apparat elettroniku ta' l-ghamla iPod u ammont mhux maghruf ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-interrogatorju mal-prezentata b'arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 18, 334, 261, 266, 267, u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Cosmin Bogdan Tofan** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4)

snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------